MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2012

Numru 324/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Mark Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Mark Mercieca ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Eugenio u Linda xebba Getkahn, imwieled Haz-Zabbar fit-13 ta’ Dicembru 1989, residenti gewwa 177, Casscades, Triq il-Gross, Marsascala u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 4290M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fid-9 ta’ Marzu 2012 u granet precedenti, ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifici foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika,

ghamel qligh ghal valur ta' erbat' elef u tlett mitt Euro (€4,300) ghad-dannu ta' Stephen Farrugia mill-Fgura.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lil Stephen Farrugia jiddikjara (a) li l-mutur in kwistjoni gie ritornat lura lilu, (b) li huwa kien sodisfatt bl-ammont ta' tlitt mitt Euro (€ 300) mghoddija *seduta stante* lilu llum, liema somma tirraprezenta hsarat kagunati fl-istess mutur, (c) li kien lest li jahfer lill-imputat ghal dak li ghamel, u (d) li ma kellu ebda pretensjonijiet fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-istess imputat (li hija wahda nadifa) u kif ukoll dak li ddikjara Stephen Farrugia, imsemmi aktar il-fuq f'din id-decizjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------